MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 10/2011

**Andrew Vella**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Wara l-ittra ufficjali numru 6538/09 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**
**Vs**

**Andrew Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Andrew Vella pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2011 fejn ippremetta s-segwenti:-

"*Illi fl-24 ta' Dicembru 2010 huwa gie notifikat b'ittra ufficcjali u dikjarazzjoni guramentata ghall-fini tat-talba skond l-**artikolu 466** tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Illi ai termini ta' l-istess artikolu huwa qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta ai termini ta' l**-artijkolu 2156** tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi bla pregudizzju, l-ebda ammont ma hu dovut peress li r-rikorrenti gie notifikat bin-notifika ta' likwidazzjoni fl-24 ta' Dicembru 2010 u cioe' ben sitt (6) snin wara t-trasferiment in kwistjoni, w ghalhekk l-ebda ammont ma hu dovut peress illi huwa qatt ma inghata l-opportunita' li joggezzjona bil-miktub sabiex jikkontesta l-likwidazzjoni.*
*3. Illi bla pregudizzju, l-ebda ammont ma hu dovut peress li l-perit arkitett illi gie inkarigat sabiex jivvaluta l-post in kwistjoni ma ghamilx valutazzjoni professjonali, w dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li t-talba tal-kummissarju tat-Taxxi Interni bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-digriet taghha fejn ordnat notifika tieghu lill-kontro parti w appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-taxxi Interni pprezentata nhar l-1 ta' Frar 2011 fejn espona s-segwenti:-

"*Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum*

*tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qieghed jippretendi r-rikorrent fir-rikors promotur, liema sindikar jista' jsir biss a tempo debito skond il-procedura stipuilata fil-Kap 364 u cioe tramite appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn Avviz tar-Rifjut ta' Oggezzjoni ta' l-esponent fi zmien tletin (30) gurnata skond l-**artikolu 58** tal-Kap 364 u Appell lil Qorti ta' l-Appell fi zmien tletin (30 ) gurnata ai termini tal-**artikolu 59** ta' l-imsemmi Att.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*1. Illi l-azzjoni ta' l-esponent ghal-gbir ta' taxxa dovuta lilu mhijiex preskritta kif qed jallega r-rikorrent fir-rikors promotur.*
*2. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ir-rikorrent gie notifikat bl-avviz ta' likwidazzjoni fit-28 ta' Settembru 2005 u ghaldaqstant kellu kull opporunita' li joggezzjona kif trid il-ligi.*
*3. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-arkitett ingaggat mid-Dipartiment sabiex jaghmel il-valutazzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni m'ghamilx valutazzjoni professjonali hija ghal kollox infondata.*
*4. Illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizjonali fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Kap 364 tal-ligjiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrent fl-intier taghha.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu."*

**Andrew Vella,** r-rikorrent, xehed nhar il-25 ta' Mejju 2011 u spjega li huwa kien ircieva ittra minghand perit, liema perit pero' ma jafx x'jismu izda jiftakar li kien gie mibghut mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, w kien ftiehem mieghu li jiltaqa' mieghu il-Kalkara quddiem il-Knisja. Flimkien kienu marru fil-fond 23, Triq il-Kapuccini, Kalkara, u waqt li

kienu isfel fil-pjan terren tal-post il-Perit ircieva telefonata w qallu li kellu jmur ghax kellu appuntament iehor il-Mosta w kien qieghed tard ghalih.

Jikkonferma pero' li l-post ma kienx rah, u dan ghaliex kien lahaq dahal biss fl-entrata, w ghalhekk ma kienx possibbli li jaghti valur tal-post li effettivament kien wiehed gholi. Qal li qabel ma kien gie notifikat bl-ittra ufficcjali fl-24 ta' Dicembru 2010, huwa ma kien ircieva l-ebda dokumentazzjoni ohra. Jghid li lanqas *notice of liquidation* ma kien ircieva, w ghalhekk ma seta' qatt jikkontestaha. Huwa pprezenta kopja tal-ittra ufficcjali li giet esebita w immarkata bhala Dok CSH (fol. 18).

In kontro ezami nhar is-7 ta' Lulju 2011 jghid li fis-sena 2004 kien jghix iz-Zurrieq gewwa '*Cottage d'amour',* Hal Far Road, Zurrieq u jghid ukoll li kien ilu jghix hemm ghal dawn l-ahhar tnax-il sena.

**Ivan Portelli** ghan-nom tal-intimat xehed fis-16 ta' Gunju 2011 u kkonferma li l-Att tat-Trasferiment li jikkoncerna din il-kawza sar fil-11 ta Ottubru 2004 u dan kien gie registrat maghhom fis-17 ta' Novembru 2004. Jikkonferma wkoll li in segwitu kienet saret ittra ufficcjali lill-istess rikorrenti nhar l-24 ta' Dicembru 2004. In-*notice of assessment* giet notifikata lil Andrew Vella flimkien mal-ittra ufficcjali nhar l-24 ta' Dicembru 2010.

Rat l-affidavit ta' Ivan Portelli esebit fl-atti permezz ta' nota datata 7 ta' Lulju 2011 (fol. 23) u d-dokumenti kollha esebiti mal-istess affidavit. Huwa spjega li fis-17 ta' Novembru 2004 is-sezzjoni tal-Capital Transfers Duty fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni rceviet avviz DDT 1 skond il-ligi, mmarkat bhala Dok KTI 1, fejn gie dikjarat li permezz ta' kuntratt ta' permuta, l-konjugi Andrew James u Rita Vella kienu qed jakkwistaw il-fond 23 qabel numru 21 fi Triq il-Kappuccini, Kalkara, kif ukoll il-fond numru 22 fl-istess imsemmija triq. Fl-istess dikjarazzjoi gie wkoll dikjarat li dan il-fond akkwistat kellu jservi bhala l-unika residenza ordinarja tal-koppja Vella. Din il-proprjeta' giet dikjarata b'valur totali ta' erbghin elf Lira Maltin

(LM40,000) ekwivalenti ghal tlieta w disghin elf mija w hamsa w sebghin Ewro (€93,175).

Spjega li l-perit imqabbad mid-dipartiment kien ghamel spezzjoni fl-imsemmi proprjeta' w iddikjara li fil-11 ta' Ottubru 2004, jigifieri fid-data meta sar il-kuntratt li l-valur tal-fond kien ta' LM55,000 (€128,115). Ghalhekk skond l-Artikolu 52 tal-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, nharget notifika ta' likwidazzjoni datata 28 ta' Frar 2005 markata bhala dok KTI 2. Dan l-avviz intbaghat bil-posta registrata fl-indirizz indikat fil-formola DDT ossia "*Cottage D'Amour",* Triq Hal Far, Zurrieq. Dan l-avviz gie ritornat lura d-Dipartiment immarkat bhala 'unclaimed'. In segwitu' l-istess dipartiment rega' ghamel tliet tentattivi ohra sabiex jinnotifika lir-rikorrent, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti w immarkati bhala dok KTI 3, 4 u 5, u dawn gew lura 'unclaimed'.

Jghid li minn ricerka li huwa ghamel fis-sistema tat-Tax Payer details (Dok KTI 7) kif ukoll dik tas-CDB (Dok KTI 8) huwa ndikat li r-rikorrenti huwa registrat li jghix fir-residenza ordinarjo tieghu kif fuq imsemmi, w b'effett minn Lulju 2004. Jidher li anke Rita Vella hija hemm registrata (Dok KTI 9). Huwa esebixxa kopja mill-estratt tar-Registru Elettorali datati Ottubru 2004 u 2005, fejn hemm kjarament indikat li s-sinjuri Andrew u Rita Vella kienu registrati fl-imsemmi indirizz (Dok KTI 10 u KTI 11). Ghalhekk jghid li fit-28 ta' Settembru 2005 dan l-avviz gie mpustat *by hand* mill-ufficcjali tar-Revenue Security Corps, u dan fil-fond tas-Sur Vella kif fuq indkat. U dan skond ricevuta esebita w immarkata bhala Dok KTI 6).

Jikkonkludi billi jikonferma li l-konjugi Vella ma pprezentaw l-ebda oggezzjoni w ghalhekk il-kont mahrug sar finali w konklussiv skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 60 tal-Kap 364. Peress li dan il-kont baqa' ma thallasx inbdew il-proceduri odjerni kontra l-konjugi Vella.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent qed jghid li huwa qatt ma gie notifikat b'xi dokumentazzjoni minghand id-dipartiment intimat, salv

ghall-ittra ufficcjali li kopja taghha hija esebita. In segwitu' jghid li t-talba ghall-hlas tal-intimat hija preskritta bil-perijodu ta' hames snin skond l-**artikolu 2156 (f)** tal-kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, w ghalhekk din il-Qorti ghandha l-ewwel nett titratta din l-eccezzjoni rikorrenti.

Ir-rikorrenti jghid li huwa qatt ma rcieva n-*notice of liquidation* u ghalhekk qatt ma seta' jipprezenta l-oggezzjoni tieghu ghal dak li qed jintalab mid-dipartiment. L-intimat pero' permezz tax-xhieda ta' Ivan Portelli jghid li huwa nnotifika lir-rikorrenti b'dan l-istess dokument meta kien baghat lill-ufficcjali tal-Inland Revenue fl-indirizz residenzjali tieghu. Dwar il-fatt li r-rikorrenti kien jirrisjedi fl-indirizz indikat minnu fid-dokument DDT 1 esebit fl-atti w immarkat bhala Dok KTI 1, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, w dan ghaliex ir-rikorrenti stess fil-pedana tax-xhieda jghid li ilu jghix f'dan il-fond ghal diversi snin. Ir-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova sabiex tikkontradixxi l-kontenut tad-dokument KTI 7 (fol. 33). Jidher mid-dokument KTI 6 (fol. 32), li fit-18 ta' Settembru 2005 r-rikorrenti rcieva l-*claim* numru 87699 datat 11 ta' Ottubru 2004 mibghut lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, w dan skond din l-istess ricevuta. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax issa jigi w jghid li huwa ma rceviex dan id-dokument meta lanqas tentattiv ma ghamel sabiex jirribadixxi l-kontenut ta' dan id-dokument. Fil-fatt jinghad li r-rikorrenti lanqas insista sabiex dan id-dokument KTI 6 jigi konfermat bil-gurament mill-persuna li hargitha, w ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax issa jigi w jghid li huwa qatt ma gie notifikat bin-*notice of assessment* (Dok KTI 2), w kien ghalhekk li ma pprezenta l-ebda appell dwaru.

Il-Qorti pero' tirritjeni li gjaladarba jirrizulta li l-istess rikorrenti gie notifikat bl-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tat-28 ta' Frar 2005, u dan fit-18 ta' Settembru 2005, u r-rikorrenti ma kkontestax tali procedura, lanqas skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 56 (3) tal-Kap. 364** u dan fit-terminu prefiss fl-**artikolu 58 tal-Kap. 364**, mela allura tali Avviz u likwidazzjoni giet reza finali w konklussiva skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 60,** w giet reza titolu ezekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 60A tal-Kap. 364.** Illi dan ifisser li kemm-il darba dan huwa l-kaz,

ir-rikorrenti ma wzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum m'huwiex f'posizzjoni li jattakka l-ittra ufficjali mahruga abbazi tal-**artikolu 466 tal-Kap. 16** datata 24 ta' Novembru 2009, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 364.**

Illi kwantu ghall-preskrizzjoni li qed issir referenza ghaliha mir-rikorrenti, din il-Qorti tinnota li qabel xejn ir-rikorrenti rrefera ghall-artikolu 2156 (f) tal-kap 12  tal-Ligijiet ta' Malta, pero' f'dan l-isfond ir-rikorrenti kellu jiccita l-artikolu tal-ligi naxxenti mill-kap. 364, u cioe' 60 B (1), ghalkemm huwa dak ta' hames snin.

L-artikolu tal-ligi dwar il-preskrizzjoni li ghandu jigi kkunsidrat hu dak taht l-**artikolu 60 B (1) tal-Kap. 364,** li jipprovdi ghal terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tar-rikorrenti ta' hames snin mid-data li fiha l-likwidazzjoni relattiva tkun saret finali w konklussiva.  Jirrizulta li fil-kaz in ezami tali likwidazzjoni saret konklussiva w finali bil-hrug ta' l-Avviz tar-Rifjut ta' l-Oggezzjoni tal-11 ta' Ottubru 2004 mahrug skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 56 (3) tal-Kap. 364** u li gie notifikat fit-22 ta' Mejju 2006 lill-appellant, u la darba l-ittra ufficjali saret fl-24 ta' Novembru 2009 u notifikata fis-16 ta' Dicembru 2010 (meta giet imhollija f'idejn Kimberley Vella fol. 19), mela allura tali terminu ta' preskrizzjoni ma ddekorriex; ghalhekk din l-pretensjoni qed tigi michuda.  Mhux minnu, kif gie allegat mir-rikorrenti, li huwa gie notifikat bin-*notice of assessment* fl-24 ta' Dicembru 2010, sitt snin wara t-trasferiment mertu tal-kawza, izda  fit-18 ta' Settembru 2005 kif fuq spjegat.

Dwar l-eccezzjoni tar-rikorrenti li l-perit imqabbad mill-Gvern m'ghamilx xoghlu sew u dan ghaliex ma rax il-fond li kellu jezamina, w li qabad u hareg 'il barra mill-ewwel, zgur li mhux minnu, w dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrenti kien ilmenta mad-Dipartiment dwar dan il-fatt, u ma ressaq l-ebda prova dwar dan l-ilment, lanqas lill-perit li suppost ezamina l-fond.  Ir-rikorrenti kellu kull dritt li jikkontesta r-rapport tal-perit, haga li m'ghamilx, u ghalhekk f'dan l-istadju dan huwa tard wisq.

**Illi għalhekk jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji li lu spettanti mil-ligi sabiex jikkontesta l-kont tal-intimat, li fil-fehma tiegħu kien arbitrarju. Dan mhux il-forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu pprezenta appell, haga li m'ghamilx, u ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi rifjutata, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------